MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 42/1988/3

**Maria mart Vincent Cascun u l-istess Vincent Cascun bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti; u b'digriet tat-22 ta' Marzu 1990, wara l-mewt ta' Vincent Cascun il-kawza tkompliet fil-persuna ta' Maria Cascun**

**v.**

**Carmelo Scicluna f'ismu u bhala kuratur deputat tal-assenti Suor Bibiana Scicluna, fis-seklu Bernardina, kif konfermat fl-atti tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1987, u Nikolina mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia, Grazzia mart Carmelo Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna, Joseph u Carmen ahwa Grixti, Antonio Scicluna, bhala eredi jew eredi prezunti tal-mejta Carmela Scicluna u l-Avukat Dottor Pawlu Lia bhala ezekutur testamentarju tal-istess Carmela Scicluna; u b'digriet tas-27 ta' Frar 2002, stante l-mewt ta' Carmelo Scicluna, l-assenti konvenuta Suor Bibiana Scicluna, fis-seklu Bernardina, bdiet tigi rapprezentata minn Grace Farrugia; u b'digriet tad-19 ta' April 2002, stante l-mewt ta' Carmelo Scicluna l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony, Nikolina mart Angelo Azzopardi, Joseph, Angela mart Gerald Azzopardi, Giuseppa mart Giuseppe Farrugia, Grazia mart Carmelo Farrugia, ilkoll ahwa Scicluna, u Carmen u Joseph ahwa Grixti**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fl-14 ta' Jannar, 1988, u li jaqra hekk:

> "Peress illi permezz ta' skrittura ossija Konvenju li sar fil-5 ta' Marzu 1987 (Dok. A) l-attrici obligat ruhha li takkwista l-fond numru 18 (tmintax) Triq il-Girgenti Siggiewi, in enfitewsi perpetwa fil-kanone annwu ta' Lm50, minghand il-konvenut Carmelo Scicluna li obliga ruhu li jcedi.
>
> "U peress li in segwitu mietet mart l-istess Carmelo Scicluna, Carmela Scicluna u l-fond in kwistjoni kien jappartjeni ghall-kumunjoni tal-akkwisti bejniethom, u l-konvenuti kollha l-ohra huma eredi prezunti taghhom waqt li l-Avukat Dottor Pawlu Lia huwa ezekutur testamentarju.
>
> "U peress illi nonostante li gew interpellati biex jersqu ghall-att definittiv permezz tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1987, huma naqsu li jaghmlu dan.

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. tikkundannahom jew min minnhom biex jersqu ghall-formazzjoni u pubblikazzjoni tal-att ta’ akkwist in enfitewsi perpetwa tal-fond numru 18 Triq il-Girgenti Siggiewi, bil-pattijiet kollha indikati fil-konvenju tal-5 ta’ Marzu 1987.

“2. tifissa jum, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-istess att, tinnomina Nutar, preferribilment in-Nutar Carmelo Martinelli li irrediga l-konvenju, biex jircievi l-att relattiv in kwistjoni biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Dicembru 1987, kontra l-konvenuti li huma kollha mharrka ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Guza mart Guiseppi Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Griscti u Carmen Griscti u Nikolina mart Anglu Azzopardi li in forza taghha eccepew:

“(1) Illi preliminarjament id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva peress illi l-att finali qatt ma seta’ jigi ppubblikat;

“(2) Illi inoltre fil-mertu l-konvenju odjern sar bi frodi tad-drittijiet taghhom bhala eredi tal-mejta ommhom Carmela Scicluna;

“(3) Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Antonio Scicluna li in forza taghha eccepixxa:

“Illi ghalkemm saret l-interpellazzjoni msemmija fic-citazzjoni odjerna, il-kuntratt finali baqa’ ma sarx mhux ghal xi raguni imputabbli lill-eccipjenti.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Joseph Scicluna li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi huwa ma jistax jaddivjeni ghall-publikazzjoni tal-kuntratt definittiv peress illi lanqas jaf jekk huwiex eredi.

“2. Fit-tieni lok il-validita` tal-konvenju skadiet u ghalhekk illum m’hemm l-ebda rabta kontrattwali.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Carmelo Scicluna proprio et nomine li in forza taghha exxepixxa:

“Illi in kwantu jirrigwarda l-eccipjenti huwa ma jopponix ruhu ghat-talba attrici u in fatti huwa minn dejjem kien pront li jaddivjieni ghall-publikazzjoni tal-kuntratt, f’liema kaz m’ghandux ibati spejjez ta’ din l-istanza.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Grazzja Farrugia li in forza taghha eccepiet:

“Illi hija ma opponietx u mhix topponi li jsir l-att definittiv u stante li dan ma sarx ghal ragunijiet mhux imputabbli lilha, ma ghandhiex tbati spejjez.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-avukat Dottor Pawlu Lia bhala ezekutur testamentarju ta’ Carmela Scicluna li in forza taghha eccepixxa:

> “1. Illi huwa qatt ma rrifjuta li jersaq ghall-publikazzjoni tal-att notarili in kwistjoni tant li ghamel il-proceduri kollha rikjesti minnu u gab ukoll l-awtorizzazzjoni tas-sekond’ Awla tal-Qorti Civili.
>
> “2. Illi ghalhekk, salv il-hrug tal-permessi u l-awtorizzazzjonijiet kollha mehtiega skont il-ligi, l-eccepjent nomine ghadu dispost jersaq ghall-att finali indikat.
>
> “3. Illi ghalhekk l-eccepjent m’ghandu jbati ebda spejjez tal-proceduri prezenti.
>
> “4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta’ April, 1988, il-konvenut Joseph Scicluna ghamel tieghu wkoll l-eccezzjoni ta’ intempestivita` mressqa mill-konvenuti Guza Farrugia et;

Rat illi l-eccezzjoni ta’ intempestivita` tal-azzjoni kienet michuda mill-ewwel Qorti b’sentenza tal-25 ta’ April, 1991; jidher li sar appell minn dik is-sentenza li, pero`, ma tkomplix wara li gie differit ‘sine die’ fis-17 ta’ Marzu, 1993;

Rat illi b’digriet tas-6 ta’ Mejju, 2008, l-ewwel Qorti awtorizzat lill-konvenut Carmelo Scicluna proprio et nomine jressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi:

> “1. … … … dan il-konvenju tal-5 ta’ Marzu 1987, qatt ma gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sal-1 ta’ Ottubru 2004, u dan a tenur tal-Artikolu 3 subinciz 6 tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta’ Malta;”

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> "... ... ... tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri, tgħid illi l-konvenju ma baqax jiswa wara li ma ngħatax l-avviż taħt l-art. 3(6) tal-Kap. 364 fiż-żmien li trid il-liġi, u tiċħad it-talbiet ta' l-atturi, li għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza tat-23 t'April 1991."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "B'kitba privata tal-5 ta' Marzu 1987[1] il-konvenut Carmelo Scicluna intrabat li jagħti b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-attriċi Maria Cascun, li ntrabtet li tikseb mingħandu bl-istess titolu, il-mezzanin numru tmintax (18), fi Triq il-Girgenti, is-Siġġiewi. Il-wegħda kellha tibqa' torbot għal tliet xhur.
>
> "L-art. 1357 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:
>
> "**1357.** (1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa … … … ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant.
>
> "(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien.
>
> "L-art. 1514, imbagħad, igħid illi d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1357 għandhom igħoddu wkoll għal wegħda dwar enfitewsi magħmula wara l-1 ta' Lulju 1976.
>
> "Skond l-art. 3 ta' l-Att ta' l-1982 li jirregola t-Trasferimenti ta' Immobbli (Att XVIII ta' l-1982), kull trasferiment ta' immobbli magħmul wara t-22 ta' Diċembru 1982 ma jkunx jiswa jekk għal dak it-trasferiment ma jkunx ingħata permess mill-Kummissarju ta' l-Artijiet. L-art. 5 ta' l-istess Att ikompli jgħid illi meta tkun saret talba għal dak il-permess, iż-żmien li għalih tkun torbot il-

[1] *Foll.* 4 *et seq.*

wegħda ta' bejgħ-u-xiri "jiġi mtawwal b'dak iż-żmien li jgħaddi bejn id-data ta' l-applikazzjoni u l-ġurnata li taħbat minnufih wara d-data tal-permess".

"It-talba lill-Kummissarju ta' l-Artijiet saret fil-21 ta' Mejju 1987 u l-permess ingħata fit-3 ta' Diċembru 1987[2].

"Għalhekk iż-żmien ta' tliet xhur li matulu kienet torbot il-wegħda beda jgħaddi mill-5 ta' Marzu 1987 – dakinhar li saret il-kitba – sal-21 ta' Mejju 1987 meta saret it-talba għall-permess tal-Kummissarju ta' l-Artijiet. Fil-21 ta' Mejju 1987 waqaf iż-żmien, kif igħid l-art. 5 ta' l-Att XVIIII ta' l-1982, u baqa' wieqaf sal-4 ta' Diċembru 1987, l-għada li ngħata l-permess. Iż-żmien ta' tliet xhur għalhekk iġġedded b'mija u sebgħa u disgħin (197) jum.

"Li kieku ma kienx hemm id-dispożizzjonijiet ta' l-Att XVIIII ta' l-1982, iż-żmien ta' tliet xhur kien jagħlaq fil-5 ta' Ġunju 1987, iżda, bis-saħħa ta' dawk id-dispożizzjonijiet, iż-żmien iġġedded b'mija u sebgħa u disgħin (197) jum, *i.e.* sad-19 ta' Diċembru 1987.

"L-atturi sejħu lill-konvenuti biex jersqu għall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' enfitewsi b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Diċembru 1987[3], qabel ma għalaq iż-żmien imġedded, u fetħu l-kawża tallum fl-14 ta' Jannar 1988, anqas minn tletin jum wara, kif irid l-art. 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili.

"Għal din ir-raġuni, l-eċċezzjoni ta' Joseph Scicluna illi l-konvenju ma għadux jorbot hija ħażina u hija għalhekk miċħuda.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ulterjuri, li hija mibnija fuq l-art. 3(6) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kap. 364]. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tgħid hekk:

"**3.** (6) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' kull proprjetà immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha, ma jkunx validu jekk avviż tiegħu ma jkunx ingħata lill-Kummissarju [tat-Taxxi Interni] fi żmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet, li jistghu jiġu stabbiliti. Dan l-avviż għandu jingħata flimkien ma' ħlas ta' taxxa provviżorja ekwivalenti għal għoxrin fil-mija tal-ħlas ta' taxxa li jkollha titħallas … … …

"Relevanti wkoll huwa r-reg. 10 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [L.S. 364.06]:

"**10.** (1) Għall-fini ta' l-artikolu 3(6) ta' l-Att, il-persuna li qed titrasferixxi u l-persuna li qed tirċievi jew ir-rappreżentant awtorizzat minnhom, għandhom jagħtu avviż tal-konvenju relattiv tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' proprjetà immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha, lill-Kummissarju:

… … …

2 *Fol.* 113.
3 *Fol.* 110.

"(5) Il-Kummissarju għandu jkun avżat b'dawk il-konvenji kollha ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha li jkunu saru fil-31 ta' Diċembru, 2003 jew qabel, sal-31 ta' Ottubru, 2004; … … …

… … …

"(7) L-irċevuta tal-ħlas provviżorju ta' taxxa relattiva għall-konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha għandha tkun mehmuża ma' l-att notarili sussegwenti meta din issir mill-istess nutar li jkun qed jippubblika dak l-att … … …

"(8) Kopja awtentika ta' l-irċevuta msemmija fis-subregolament preċedenti għandha wkoll tkun mehmuża ma' l-Avviż ta' Trasferiment li jingħata min-Nutar li jippublika l-att relevanti … … …

"Din id-dispożizzjoni, li hija ta' dritt fiskali u għalhekk ta' ordni pubbliku, hija perentorja: il-wegħda ta' bejgħ-u-xiri ma tkunx tiswa fin-nuqqas ta' avviż u ħlas ta' taxxa provviżorja lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fil-każ tallum ma tressqet ebda prova illi ngħata l-avviż u li tħallset it-taxxa u għalhekk il-wegħda ta' bejgħ-u-xiri ma tiswiex, u t-talbiet ta' l-atturi, mibnija fuq dik il-wegħda, ma jistgħux jintlaqgħu."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni li l-konvenju bhala tali m'ghadux jorbot, u tirriformaha fejn sabet illi, billi l-istess konvenju tal-5 ta' Marzu 1987 ma giex registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sal-1 ta' Ottubru 2004 kif irid l-art 3 (6) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364) dan l-istess konvenju ma jistax ikollu l-effett legali tieghu u dana billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri ghar-ragunijiet fuq imfissra, bil-konsegwenza li l-atti jintbaghtu lura lill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tghaddi biex taghti decizjoni fuq il-mertu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti nomine appellati."

Rat ir-risposta tal-avukat Pawlu Lia nomine li in forza taghha issottometta illi:

"… … … in vista tal-eccezzjonijiet maghmula minnu u l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u l-pozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fir-rigward tal-appell tal-attrici Maria Cascun."

Rat ir-risposta ta' Nicolina mart Angelo Azzopardi, Angela mart Gerald Farrugia, Carmen u Joseph ahwa Grixti, Carmelo u Mario Farrugia u l-imsemmi Guseppi Farrugia bhala uzufruttwarju tal-mejta Guiseppa Farrugia li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottomettu illi l-appell interpost mill-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza dwar weghda ta' bejgh u xiri li gie ffirmat fil-5 ta' Marzu, 1987, u kif tajjeb stabbiliet l-ewwel Qorti, kien gie mgedded, anke bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att XVIII tal-1982, sad-19 ta' Dicembru, 1987. In vista tal-fatt li dak li trid il-ligi fl-Artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili gie segwit fit-termini imposti, giet michuda mill-ewwel Qorti l-eccezzjoni li l-konvenju ma kienx ghadu jorbot. Kontra din il-parti tas-sentenza ma sar ebda appell.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tal-

konvenut Carmelo Scicluna proprio et nomine li l-konvenju ma jiswiex aktar peress li ma giex registrat kif irid l-Artikolu 3(6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-atturi appellaw mis-sentenza u jsostnu illi peress illi l-kuntratt finali kellu jigi ppublikat qabel l-1 ta' Novembru, 2004, ma kienx mehtieg li l-konvenju jigi registrat.

Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-atturi. Fil-fatt eccezzjoni simili bhal dik li giet sollevata ulterjorment f'din il-kawza, giet dibattuta u deciza minn din il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Prince Properties Ltd**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2012. F'dik is-sentenza inghad is-segwenti:

> "*Issa skont l-**Artikolu 3 (6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364)** jipprovdi li:-*
>
> > *"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, konvenju ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' kull proprjeta immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha, ma jkunx validu jekk avviz tieghu ma jkunx inghata lill-Kummissarju fi zmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolarijiet, li jistghu jigu stabbiliti. Dan l-avviz ghandu jinghata flimkien ma' hlas ta' taxxa provvizorja ekwivalenti ghal ghoxrin fil-mija tal-hlas ta' taxxa li jkollha tithallas …"*
>
> "***Ir-regolament 10 tal-legislazzjoni sussidjarja 364.06** jghid li:-*

*"(5) Il-Kummissarju ghandu jkun avvzat b'dawk il-konvenji kollha ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' proprjeta immobli jew ta' xi dritt reali fuqha li jkunu saru fil-31 ta' Dicembru 2003 jew qabel, sal-30 ta' Ottobru 2004; …*

*"Izda ebda avviz ma jkun mehtieg fil-kaz ta' konvenju ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' xi proprjeta immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha maghmul qabel l-1 ta' Jannar, 2004, meta l-att ghandu jkun pubblikat qabel l-1 ta' Novembru 2004."*

"*F'dan il-kaz hemm konvenju li huwa datat 3 ta' Settembru 1998 u l-att finali relattiv kellhu jsir sal-1 ta' Ottubru 1999 meta wiehed jikkonsidra l-prorogi li saru dwar l-istess. Dan ifisser li l-att u kuntratt finali ta' trasferiment kellhu jigi ppublikat qabel id-data tal-1 ta' Novembru 2004 ndikata fl-imsemmi* **Avviz Legali 7 tal-2004***, u allura ma kien hemm u lanqas hemm l-ebda obbligu li ssir tali registrazzjoni ghaliex f'dak iz-zmien ma' kienx jezisti tali obbligu.*

"*Dan gja` gie ritenut fis-sentenza* ***Carmelo Cascun v. Carmelo Scicluna*** *(P.A. (AE) – 9 ta' Lulju 2012) fejn inghad li "ghal finijiet tal-ghoti tal-avviz lill Kummissarju, li hu rilevanti hu dak li jinghad fil-konvenju fir-rigward tad-data meta ghandu jigi ppubblikat l-att. M'hemmx dubju li skond il-konvenju li ffirmaw il-partijiet fil- 5 ta' Marzu 1987, l-att ta' trasferiment kellu jsir qabel l-1 ta' Novembru 2004. Fil-fehma tal-qorti l-kliem* ***"... meta l-att ghandu jkun ippubblikat qabel l-1 ta' Novembru 2004.",*** *ghandhom jigu nterpretati bhala z-zmien li fih kellu jsir l-att finali skond dak li jkun gie dikjarat fil-konvenju. Ghalhekk wiehed ghandu jhares lejn il-konvenju biex jara jekk l-att kellux jigi pubblikat qabel l-1 ta' Novembru 2004, u mhux meta eventwalment jigi pubblikat l-att fl-eventwalita li l-kaz ikollu ezitu favur l-attur. Ghalkemm l-att ikun ghadu ma giex pubblikat minhabba proceduri gudizzjarji li jkunu ghadhom pendenti, il-fatt li ma jkunx inghata l-avviz m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghal min ikun ghamel il-kawza".*

"*Din id-decizjoni kienet ibbazata fuq dak li qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet* ***Miriam Frendo et v. Agata Agius et`*** *(A.C. -7 ta' Ottubru 2008.) fejn gie osservat li:-*

*"Ovvjament, il-fatt li l-kuntratt ma giex ippubblikat qabel 1 ta' Novembru, 2004, minhabba agir tal-konvenuti li ma riedux jirrikonoxxu l-ezistenza tal-konvenju, ma jistax ikun ta' hsara ghall-atturi. Il-konvenju hu wiehed li, fit-termini tieghu, kien jikkontempla l-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fl-1995, cioe`, qabel l-1 ta' Novembru, 2004, u, ghalhekk, ma kienx mehtieg li jinghata avviz tieghu fit-termini tal-Kap.364.".*

"*Is-socjeta` appellanti tghid li din l-interpretazzjoni ma hijiex wahda legalment korretta, izda s'intendi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak hekk sottomess ghaliex il-kliem tal-Ligi huwa car fih innifsu u ma hemmx bzonn ta' ebda interpretazzjoni. Dan apparti*

*li tali insenjament ta' din il-Qorti fl-ahhar decizjoni hawn citata gie ribadit fis-sentenza* ***Dr. Albert Camilleri nomine v. Pawla Sultana et*** *(Q.GH. – 26 ta' Marzu 2009)."*

Anke f'dan il-kaz, il-konvenju kien wiehed li, fit-termini tieghu, kien jikkontempla l-publikazzjoni tal-kuntratt fl-1987, cioe`, qabel l-1 ta' Novembru, 2004, u ghalhekk, ma kienx mehtieg li jinghata avviz tieghu fit-termini tal-imsemmi Kap. 364.

Din il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti sejra, ghalhekk, tigi revokata.

L-atti ta' din il-kawza jridu jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghax ghalkemm l-eccezzjonijiet marbuta mal-intempestivita` tal-azzjoni u dik li l-konvenju ma ghadux jorbot gew decizi u skartati, hemm eccezzjoni ta' Guza Farrugia et marbuta ma' allegat frodi fl-iffirmar tal-konvenju li ghadha ma gietx la trattata u lanqas deciza mill-ewwel Qorti. Ghalhekk, in omagg ghall-principju ghad-dritt ta' doppio ezame, ikun jaqbel li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex tkompli tittratta l-kaz fid-dawl ta' din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni li l-konvenju bhala tali m'ghadux jorbot (peress li ma sarx appell minn din id-decizjoni), izda tirrevokaha fejn sabet li l-istess

konvenju ma baqax jiswa peress li ma nghatax l-avviz taht l-Artikolu 3(6) tal-Kap. 364 fiz-zmien li trid il-ligi, u minflok tichad l-eccezzjoni ulterjuri relattiva tal-konvenut Carmelo Scicluna proprio et nomine u tiddeciedi li l-konvenju in kwistjoni ma kienx mehtieg li jigi registrat u, kwindi, ghadu jiswa.

L-ispejjez tal-kawza sa issa jithallsu kollha, dawk in prim istanza marbuta mas-sentenza tal-25 ta’ April, 1991, u l-appell relattiv, minn Guza Farrugia et u Joseph Scicluna, in solidum, dawk in prim istanza, marbuta mas-sentenza tas-27 ta’ Jannar 2009, mill-konvenut Joseph Scicluna (li l-eccezzjoni tieghu li l-konvenju “ma ghadux” jorbot giet michuda), waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza, mill-appellati Nicolina mart Angelo Azzopardi, Angela mart Gerald Farrugia, Carmen u Joseph ahwa Grixti, Carmelo u Mario Farrugia u l-imsemmi Guiseppi Farrugia bhala uzufruttwarju tal-mejta Guiseppa Farrugia, jew aventi kawza minnhom, in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni kif inghad.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------